Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Elia Borg Bonaci *versus* Robert Biasini et. ne.**

**Wirja — Responsabilità ta' l-Organizzaturi — Danni — "Culpa in Eligendo" — Depożitu — Serq — Każ Fortuwitu — Art. 2001 u 2003 tal-Kodiċi Ċivili.**

***Meta wieħed jieħu għal wirja xi oġġetti biex jiġu eżibiti fiha u jkun jaf bir-Regolamenti li taħthom tkun qiegħda ssir dik il-wirja, u dawk ir-Regolamenti jkunu jeżoneraw lill-organizzaturi tal-wirja minn kull responsabilità għad-danni li jistgħu jiġru fl-oġġetti eżibiti, sew kemm idumu fil-wirja kemm fil-ġarr, l-Assoċjazzjoni organizzatriċi tal-wirja ma hix eżentata mill-obligu li tuża d-diliġenza meħtieġa u tieħu l-prekawzjonijiet kollha xierqa biex l-oġġetti eżibiti ma jintilfux, jew ma jinsterqux, jew b'xi mod ieħor jiġu danneġġjati.***

***Imma jekk dik l-Assoċjazzjoni ma tiġix pruvata li naqset li tuża dik id-diliġenza u li tieħu dawk il-prekawzjonijiet, ma tirrispondix għan-nuqqas jew danneġġjament li jsiru fl-oġġetti eżibiti.***

***F'każijiet simili, l-organizzaturi huma depożitarji ta' l-oġġetti eżibiti, u bħala depożitarji huma obligati jużaw id-diliġenza li d-depożitarju soltu juża fil-kustodja ta' ħwejġu. Anzi f'dawn il-każijiet dan l-obligu huwa applikabili b'rigorożità akbar.***

***Lanqas ma għandu wieħed jippretendi li l-membri ta' l-Assoċjazzjoni għandhom jgħassu huma personalment l-oġġetti eżibiti kontra s-serq u l-ħsara; u għalhekk, meta huma ma jkunux ħatjin ta' "culpa in eligendo" għar-rigward tal-persuni li huma jkunu qabbdu biex iħarsu l-oġġetti eżibiti, huma ma għandhomx jirrispondu għall-ħsara.***

***Fl-aħħar mill-aħħar, is-serq ta' l-oġġett depożitat jammonta għal każ fortuwitu, meta d-depożitarju jkun ħa l-prekawzjonijiet xierqa biex is-serq ma jsirx; u bħala tali s-serq ma jidħolx fir-responsabilità tad-depożitarju.***

**Il-Qorti** — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi f'wirja organizzata u kondotta mill-Għaqda rappreżentata mill-konvenuti fil-ġonna ta' Sant'Anton fix-xahar ta' Mejju li għadda

naqsuh par fniek tar-razza "Himalaya", u dana wara li huwa kien ikkonsenja l-fniek in kwistjoni fuq ordni tal-konvenut nomine u lill-istess konvenuti, jew lil min minnhom inkarikat, tant li huwa jiddetjeni r-riċevuta ta' dina l-konsenja; u illi l-konvenuti nomine baqgħu ma jridux jammettu r-responsabilità tagħhom f'dana n-nuqqas u, non ostanti l-interpellazzjoni lilhom magħmula bl-ittra uffiċjali tal-25 ta' Mejju 1949, ma ndennizzawhx tad-danni li huwa sofra, fl-ammont mitlub u ġustifikat ta' £17; talab, prevja dikjarazzjoni illi l-konvenuti huma responsabili tan-nuqqas soffert minnu ta' par fniek "Himalaya" waqt il-wirja organizzata u kondotta mill-Għaqda rappreżentata mill-konvenuti, u miżmuma ma' tul ix-xahar ta' Mejju 1949 fil-ġonna ta' Sant'Anton, li huma jiġu kundannati minn dina l-Qorti jirriżarċixxu lilu d-danni sofferti mħabba l-imsemmi nuqqas — liema danni għandhom jiġu likwidati fis-somma ta' £17 jew fi kwalunkwe somma oħra verjuri, rappreżentanti l-prezz tal-par fniek fiż-żmien tan-nuqqas. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' Mejju 1949:

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru 1949, li biha l-Qorti ċaħdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż; billi kkunsidrat:

Illi mill-provi jirriżulta li l-attur, għall-wirja ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni, eżibixxa, għax ried hu, il-par fniek indikati f'dak l-istess att, u ħadhom fil-ġnien ta' Sant'Anton fejn saret il-wirja l-Ġimgħa wara nofs in-nhar, u kkonsenjahom lin-nies speċjalment inkarikati mid-diversi sezzjonijiet, u dawn poġġewhom fil-gaġeġ li ġew għalihom destinati. L-għada fil-għodu, għal xi s-sitta, il-fniek ma nstabux f'posthom, u l-gaġeġ fejn kienu kellhom xi żbarri sfurzati, jiġifieri mgħawġin u tant imbegħdin minn xulxin li fenek seta jgħaddi bejniethom;

Illi skond ir-regolamenti tal-wirja, "kull min jinkiteb biex jidħol għal din il-wirja huwa marbut b'kondizzjoni li għandu joqgħod għal dawn ir-Regolamenti" (Reg. Nru. 1); li "min jibgħat tjur jew fniek għall-wirja għandu jitgħabba għal kollox b'kull ħsara li tista' tiġrilhom u bir-responsabilità tagħhom, sew kemm idumu fil-wirja kemm fil-ġarr, kif ukoll ibati l-ħsara jew telf kaġunati fil-wirja jew fil-ġarr" (Reg. nru. 8);

Illi dawk ir-Regolamenti kienu magħrufin mill-attur, u hu kien marbut bihom. Dana però ma jfissirx illi l-Assoċjazzjoni konvenuta setgħet ma tużax id-diliġenza meħtieġa u ma tieħux il-prekawzjonijiet xierqa biex l-oġġett eżibit ma jiġix mitluf jew misruq, jew b'xi mod ieħor danneġġjat. Imma sakemm ma jiġix pruvat nuqqas ta' dik id-diliġenza u ta' dawk il-prekawzjonijiet, l-Assoċjazzjoni konvenuta ma tirrispondix għan-nuqqas jew danneġġjament ta' l-oġġett eżibit;

Illi mill-provi jirriżulta soddisfaċentement pruvat li fil-wirja fuq imsemmija l-Assoċjazzjoni konvenuta diliġentement ħadet il-prekawzjonijiet li setgħu jittieħdu biex l-oġġetti eżibiti ma jiġrilhom ebda dannu u ma jonqsux; u għalhekk dik l-Assoċjazzjoni ma għandhiex titgħabba bil-ħsara li ġrat lill-attur minħabba n-nuqqas tal-fniek minnu eżibiti;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, li biha dana appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ottubru 1949;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur, li talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li l-attur ħa par fniek tar-razza "Himalaya" għal wirja organizzata mill-Assoċjazzjoni rappreżentata mill-konvenuti nomine fil-ġonna ta' Sant'Anton il-Ġimgħa wara nofs in-nhar, u ġie mogħti l-irċevuta tal-konsenja. L-għada l-gaġġa fejn kienu l-fniek instabet bil-fildiferru mwassa', u l-fniek ma kienux hemm. Anzi, skond ix-xhieda Arturo Borg u Joseph Zammit, il-fniek naqsu l-Ġimgħa stess, għax filgħaxija ta' dak in-nhar il-gaġġa nstabet vojta. Sew bin-nhar kemm bil-lejl kien hemm il-għassiesa u l-pulizjotti; u bil-lejl kien ġie mħolli d-dawl; fil-waqt li ħlief il-għassiesa u l-membri tal-Pulizija ma kien ammess ħadd hemm ġew, u ħadd ħlief innies ta' l-Assoċjazzjoni ma kien jista' jindaħal biex jagħlef u jieħu ħsieb l-annimali. B'dana kollu huwa evidenti li l-fniek insterqu, għax il-fildiferru tal-gaġġa ma setax kien ġie sfurzat mill-fniek stess, billi kien oħxon ftit inqas minn lapis, u għalhekk kien qawwi biżżejjed biex jiflaħ għall-fniek;

Ikkunsidrat;

Illi, bħala organizzaturi u responsabili tal-wirja, il-konvenuti nomine kienu depożitarji ta' l-annimali eżibiti; u bħala regola, id-depożitarji ta' wirja huma obligati jindukraw l-oġġetti eżibiti u jużaw l-istess diliġenza li jużaw soltu biex jindukraw ħwejjiġhom (art. 2001 Kod. Ċivili). Anzi, billi, bħala organizzaturi tal-wirja, huma stess joffru li jirċievu d-depożitu bl-invit li jgħinu għall-wirja, l-obligu tad-diliġenza fil-kustodja ta' l-oġġetti huwa applikabili għalihom b'rigorożità akbar (ara sentenza Qorti ta' l-Appell ta' Ruma tat-3 ta' Marzu 1885, in re "Comune di Roma vs. Venturini", Giur. Ital. 1885, P. II, p. 319). Iżda huwa ammess fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li għal dik ir-regola d-depożitarju jista' jidderoga bil-ftehim ta' patt espress li jeżonerah mir-responsabilità, sakemm da parti tiegħu ma jkunx hemm dolo (Baudry-Lacantinerie Wahl, Del Deposito, no. 1066). Fil-każ in kwistjoni kien hemm ir-Regolamenti tal-Wirja, u fihom jingħad :— "It is a condition of entry that exhibitors, for the purpose of the show, to be bound by these rules" — "The entire risk and responsibility as regards exhibitors, both while at the show and during transit, and all consequential and other injury or loss arising therefrom, or thereto, must be wholly borne by the exhibitors" (1—8). U b'dawn iż-żewġ regolamenti l-konvenuti farfru minn fuq spallejhom ir-responsabilità, fil-waqt li l-attur assuma r-riskju;

Ikkunsidrat;

Li fil-każ in eżami rriżulta li l-konvenuti nomine mhux biss ma kellhom ebda dolo, jew ħtija gravi ekwiparabili għad-dolo, iżda għall-kuntrarju, użaw id-diliġenza li f'każi simili bniedem għaqli sotlu juża biex jindokra ħwejġu, billi qabbdu għassiesa u membri tal-Pulizija jindukraw il-post lejn u nhar, u żammew il-post fid-dawl, u ma kellhomx raġuni jaħsbu li dawk li qabbdu biex jindukraw ma kienux biżżejjed effiċjenti biex iħarsu l-oġġetti mill-ħallelin; u għalhekk il-konvenuti nomine ma kellhomx ħtija "in eligendo" meta għażlu n-nies biex jindukraw, għalkemm fil-fatt l-għassiesa jew ma kienux onesti biżżejjed inkella ma ndukrawx sewwa u bid-diliġenza kif messhom, għax xort'oħra ma kienx jiġri li ġara. Fl-aħħar mill-aħħar ġie anki ritenut illi s-serq jammonta għal każ fortuwitu meta d-depożitarju jkun ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa (Bau-

**dry-Lacantinerie**-Wahl, no. 1075 ibid.); u bħala tali ma jid**ħolx fir-responsabilità** tad-depożitarju (art. 2003 Kod. Civ.);

**Ikkunsidrat**;

**Illi huwa** minnu li **skond** ir-regolament no. 7 tal-Wirja, "**during the** whole period of the show all exhibits shall be in **the custody** of the Committee", fil-waqt li fil-fatt bil-lejl, u milli **jidher anki** f'xi ħinijiet oħra, il-Kumitat mar jafda l-kustodja **lil nies** imqabbda minnu; u illi huwa minnu wkoll li meta **d-depożitarju** jafda l-kustodja lil terża persuna huwa jassumi b'**daqshekk** ir-responsabilità kollha tal-ħtija tat-terza persuna (**Baudry-Lacantinerie**-Wahl, ibid. no. 1057); iżda fil-każ tal-**kontendenti** ma setax kien mistenni li l-għassa jagħmluha l-**membri tal-**Kumitat personalment; u mhux soltu jsir dan f'każi **simili**; u **għalhekk** taċitament **kien** hemm **l-awtorizzazzjoni** li jiġu **mqabbda** għassiesa biex fl-assenza ta' **membru** tal-Kumi**tat jindukraw** l-annimali. U għal dak il-każ—fost każi oħrajn—**tapplika** bl-effikaċja u r-raġuni kollha **l-klawsola** tar-regolament nru. 8 fuq imsemmi, li bih il-Kumitat eżonera ruħu mir-res**ponsabilità** għat-telf, u li bih l-attur assuma r-riskju. Għaldaqs**tant anki** taħt dan l-aspett, il-Kumitat u l-Assoċjazzojni huma **meħlusa** mir-responsabilità tas-serq;

**Għal** dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċ**ħad l-appell** ta' l-attur fil-meritu, u għalhekk fil-meritu tikkonferma s-sentenza appellata; iżda minħabba l-fattezzi speċjali tal-każ, tirriforma s-sentenza appellata fuq il-kap ta' l-ispejjeż, billi tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa, iżda bid-dritt tar-reġistru kontra l-attur. Salva lill-attur kull xorta ta' azzjoni kontra l-għassiesa jew persuni oħra, jekk u skond il-liġi.